**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D**

**Appell Nru: 390/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Seyble Grech et.**

**<u>Illum, 8 ta' Frar 2024.</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti fil-konfront ta' **Seyble Grech** detenur tal-karta tal-identita Maltija **184105L**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

**<u>Li Seyble Grech, Omissis 1 u Omissis 2</u>** :

1. Fil-lejl ta' bejn it-tieni (02) jum mix-xahar ta' Ottubru u t-tielet jum mix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), fi Triq Ħal Saflieni, Paola u/jew fil-viċinanzi, kkommettiet serq ta' mutur tal-għamla ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' **registrazzjoni IBQ153,** liema serq huwa aggravat bil-**mezz, ħin, valur,** u **bix-xorta tal-ħaġa misruqa**, u dan għad-detriment ta' Emanuel Scicluna u Rita Scicluna u/jew persuni oħra;

*( Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a),270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).*

2. U aktar talli fit-tielet (03) jum mix-xahar ta' Ottubru, bejn is-sitta u nofs ta' filgħodu (06:30am) u l-erbgħa u nofs ta' wara nofs n-nhar (16:30) fi Triq il-Ġdida, Paola u/jew fil-viċinanzi, ikkommettiet serq ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' **reġistrazzjoni ICC901,** liema serq huwa aggravat bil-**mezz, ħin, valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa,** u dan għad-detriment ta' Reepaula Vella u/jew persuni oħra:
*( Artikolu 261,(b)(c)(f)(g),263 (a),267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta).*

**<u>Lil Seyble Grech u Omissis 1 flimkien :</u>**

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn ir-raba' (04) u l-ħames jum mix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) fi Triq IL-Fossili, Birwbbuġia u/jew fil-viċinanzi , kkomettiet serq ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' **reġistrazzjoni JCH387**, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, ħin, valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa**, u dan għad-detriment ta' John Jossekutty Kurisingal u/jew persuni oħra;
*( Artikolu 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a),267, 270, 271(g), 278, 279,280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta )*
4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn r-raba' (04) u l-ħames (05) jum mix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), fi triq il-Fossili, Birżebbuġia u/jew fil-viċinanzi, kkommettiet serq ta' mutur tal-għamla KYMCO, Agility 125 bin-numru ta' **reġistrazzjoni LDC047,** liema serq huwa aggravat **bil-mezz, ħin, valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa,** u dan għad-detriment ta' Manuel Galea u/jew persuni oħra;
*( Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta).*

**<u>Lil Seyble Grech waħdu:</u>**

5. U aktar talli fil-lejl tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awissu u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin, fi Triq il-Baċir, Msida u/jew fil-

viċinanzi, kkommettiet serq ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' **reġistrazzjoni KCH153,** liema serq huwa aggravat bil-**mezz, ħin, valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa**, u dan għad-detriment ta' Salama Jarbous w Juan Camilo Amaya de la Torre u/jew persuni oħra;

*( Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271 (g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ).*

*6.* U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, xjentament laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxiehom, u cjoe Passaport Kolombjan bin-numru BA434725;

*(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

7. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, malli sar jaf li l-ħaġa u ċjoe il-Passaport Kolombjan bin-numru BA434725 li kien fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt;

( Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

**8.** U aktar talli fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), bejn it-tlieta (03.00am) ta' filgħodu w l-erbgħa (04.00am) ta' filgħodu fi Triq il-Profs.J.G Baldacchino, Zabbar u/jew fil-viċinanzi, kkommetta serq ta' quadbike ta' lewn iswed tal-għamla Shineray bin-numru ta' reġistrazzjoni **HBC 996,** liema serq huwa aggravat bil-**mezz, ħin, valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa,** u dan għad-detriment ta' Sylvester Calleja u/jew persuni oħra;

( Artikolu 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**9.** U kif ukoll talli kiser ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ( Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr.Claire Stafrace Zammit nhar it-tnax ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).

*( Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta)*

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba fuq talba mill-Qorti tal-Maġistrati magħmula bil-miktub mill-Pulizija ai termini tal-Artikolu 414(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex

l-Atti tal-kawża fl-ismijiet fuq premessi u kopja tas-sentenza relattiva jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali, l-esponent irċieva dawn l-atti u s-sentenza fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena 2023.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta ) bħala Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Ottubru, 2023, fejn **sabet lill-imputat Seyble Grech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u ikkundannatu għal sentejn (2) priġunerija li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospizi għal tlett (3) snin mill-lum.**

**In oltre ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħdet lill-hati Seyble Grech taħt Ordni ta' Supervizjoni għal perjodu ta' sentejn (2) minn dakinhar**.

Il-Qorti **ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, ordnat wkoll lill-ħati Seyble Grech sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offiżi u ċioe' lil Emanuel Scicluna, Rita Scicluna, Reepaula Vella, John Jossekutty Kurisingal, Manuel Galea, Salama Jarboua, Juan Camilo, Amaya De La Torre u Sylvester Calleja, kull ħaġa minnu misruqa jew li hu laqa' għandu b'riċetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegħ ieħor kontra l-Liġi, **fi zmien xahar (1) minn dakinhar.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu** 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti iddecidiet li m'hemmx spejjez x'jitħallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

L-ewwel Qorti ordnat notifika ta' dik is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole,

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, L-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant l-Avukat Ġenerali, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-tlieta (3) ta' Novembru,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi ;

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu;
2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena karċerarja effettiva skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant l-Avukat Ġenerali li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe';

- L-esponenti, wara li rċieva l-atti, ħassu aggravat bis-sentenza li ngħatat u dan għaliex fl-umli fehma tiegħu l-ewwel Qorti ma setgħetx tikkundanna lill-appellant għal-sentenza ta' priġunerija sospiża fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi kriminali wara li nstab ħati li ikkommetta reat fil-perjodu ta' Probation;
- Illi l-esponenti jsostni li l-appellant irreġistra ammissjoni volontarja w inkondizzjonata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ( Malta ) dwar diversi serqiet, bil-kwalifika tal-mezz, ħin, valur u bix-xorta tal-ħaġa;
- Illi flimkien ma' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, l-prosekuzzjoni akkuzat lill-Appellat talli kiser il-kundizzjonijiet ta' Ordni ta' Probation, mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ( Malta ), preseduta mill-Maġistrat Dr.Claire Stafrace Zammit nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u għaldaqstant l-ewwel Qorti kellha, bħala konsegwenza, titratta mal-imputat għal dan il-ksur;
- Illi l-esponenti jissottometti illi mill-atti jidher ċar li r-reati in dizamina seħħew bejn Awissu tas-sena 2023 u Ottubru tas-sena 2023, u kwindi disgħa (9) xhur wara li l-appellat ingħata l-Probation, u kwindi fuq ammissjoni tiegħu stess, huwa instab ħati li ikkommetta r-reati in diżamina, u li kiser l-ordni ta' Probation hekk kif mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).

- Illi stante li huwa ammetta għall-akkużi kif ukoll għal fatt li kiser l-Ordni ta' Probation, l-Ewwel Qorti kienet prekluża milli tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża w kienet marbuta li tinfliġġi l-piena għar-reati minnu ammessi w li kien instab ħati tagħhom;
- Illi r-raġunament li l-prosekuzzjoni qed tagħmel huwa radikat minn dak li jipprovdi s-subartikolu (7) tal-Artikolu 28A li jgħid;
    1. Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin-

    A. Meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija;

    B. Meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-Artikolu 50;

    C. Meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' Probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation
- Illi l-paragrafu (c) tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li ordni bis-saħħa tal-Artikolu 28A(1) jiġifieri ordni li jissospendi sentenza ta' priġunerija ma jistax issir meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' Probation;
- Illi għalhekk l-ksur ta' Ordni ta' Probation iġib miegħu l-projbizzjoni tal-applikazzjoni tas-sentenza sospiża ex Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;
- Illi l-liġi f'dan ir-rigward hija ċarissima w inekwivoka.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita fl-atti fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024.

Rat li l-appellat debitament notifikat bl-avviż tas-smiegħ skond riferta tal-marixxall Maria Galea inserita fl-atti a fol 78 terġa u peress li dan hu appell tal-Avukat Ġenerali l-Qorti ordnat il-kontinwazzjoni tas-smiegħ tal-kawża.

Semgħet lill-Avukat Ġenerali jirrimetti ruħu għar-rikors promotur tiegħu.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi dan l-appell hu limitat għall-piena. Illi l-prinċipju regolatur hu li mhux normali li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella</u>**" [14.6.1999] , "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina</u>**" [24.4.2003] u oħrajn.) Illi, kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali.

Illi huwa minnu li bl-emendi għall-Kodiċi Kriminali li ġew introdotti bl-Att III tas-sena 2002, u partikolarment bl-introduzzjoni tal-Art. 413 (1)(c), l-Avukat Ġenerali ngħata dritt t'appell b'mod ġenerali fil-każijiet kollha li ma jaqgħux taħt dawk kontemplati fis-sub-inċiż (b) tal-artikolu 413(1) u dan ovvjament jinkludi appell dwar il-piena.

Illi dan huwa appell preżentata mill-Avukat Ġenerali iffukat fuq il-quantum tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellat wara li kienet reġistrata ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha kontestati lill-appellat. Pero f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali tgħid li l-piena imposta mill-ewwel Qorti kienet żbaljata u ma setgħetx tingħata u dan għaliex l-ewwel Qorti tat sentenza sospiża fil-konfront tal-appellat meta sabitu ħati talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probabtion u dan imur kontra dak dispost fl-artikolu 28A (7)(c).

Illi fil-każ odjern l-ewwel Qorti ddikajrat li kienet qed issib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha kif addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal piena ta' priġunerija ta' sentejn sospiżi għal tlett snin ai termini tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mhux dubitat li fost id-diversi akkużi ta' serq aggravat u riċettazzjoni li ġie akkużat bihom l-appellat hemm ukoll l-akkuża numru 9 u ċioe li kiser Ordni ta' Probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit nhar it-12 ta' Novembru, 2022.

Issa l-**artikolu 28 (7) (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li :-

> *"Ordni bis-sahha tas-sub artikolu (1) ma ghandhiex isir f'xoi wiehed mil-kazijiet li gejjin:*
>
> *(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta probabtion jew ta' liberazzjoni taht kundizzjoni skond l-Att dwr il-Probabtion."*

Illi għalhekk f'dan il-każ l-appellat irreġistra ammissjoni quddiem il-Qorti nhar it-8 ta' Ottubru 2023[1] u dan għall-akkużi kollha addebitati fil-konfront tiegħu. L-ewwel Qorti kif jirriżulta mill-verbal ta' dak l-istess jum kienet tat żmien lill-appellat sabiex jaħseb fuq l-ammissjoni tiegħu stante illi l-akkużi miġjuba kontrieh iġorru piena karċerarja. Cio nonnostante l-ewwel Qorti reġgħet staqsiet lill-appellat x'ser iwieġeb għall-akkużi u ikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Għalhekk l-ewwel Qorti kellha issa tati is-sentenza tagħha fil-parametri tal-Liġi. Żgur li kienet prekluża li tagħti sentenza sospiża minħabba dak dispost supra skond l-artikolu 28A (7)(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti rat in-natura tal-akkużi miġjuba kontra l-appellat li huma varji konsistenti f'diversi serqiet aggravat kommessi fuq mhedda ta' żmien tul ix-xahar ta' Ottubru 2023 u Awwissu 2023, ta' riċettazzjoni u talli kiser Ordni ta' Probation mogħtija lilu ftit qabel u ċioe nhar it-12 ta' Novembru 2022.

Rat il-fedina penali tiegħu minn fejn jirriżulta li f'Novembru 2022 huwa kien instab ħati ta' reati oħra u ingħata Ordni ta' Probation fis-sena 2022 u fis-sena 2023 wara li instab ħati ta' reati oħra kien ingħata obbligazzjoni sabiex ma jimmolestax lil Shannon Azzopardi u lil familja tagħha. Jidher biċ-ċar li l-appellat m'huwiex lest li joqgħod 'l bogħod mill-ħajja kriminali tant li kkommetta reat ieħor li tiegħu instab ħati ukoll waqt l-andament tal-ordni tal-Probation. Għalhekk kienet korretta meta l-ewwel Qorti ikkundannatu għal piena karċerarja pero kienet żbaljata meta issospendiet il-perijodu tagħha.

[1] Fol. 7 ta' l-atti tal-process

Għalhekk din il-Qorti qegħda għal darba oħra wara li rat l-artikoli tal-liġi 7, 31, 261 (b) (c) (f) (g) 263 (a), 267, 270, 271 (g), 278, 279 (b) 280 )(2), 281 (b) 334, 334A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-appellat **ħati tar-reati enumerati minn wieħed (1) sa tmienja (8) u tikkundannah sentejn (2) priġunerija effettivi.** Dwar id-disgħa (9) akkuża u ċioe li huwa ikkommetta reat waqt l-operat ta' Ordni ta' Probation, il-Qorti rat l-artikolu 23 tal-kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta wara li għamlet dikjarazzjoni ta' fuq l-akkużi enumerti wieħed (1) sa tmienja (8) qegħda issa ai fini tad-disgħa akkuża tibgħat lil persuna ta' Seyble Grech quddiem dik il-Qorti li għamlet l-Ordni ta' Probation, sabiex dik il-Qorti kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u wara li teżamina għas-sodisfazzjon tagħha d-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reati imsemmija supra, 'tittratta ma' dik il-persuna għar-reat li dwaru saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta miegħu li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha u ta' dak ir-reat.

Tordna għalhekk li din is-sentenza flimkien mal-atti tal-proċess jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (per Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit) sabiex titratta mal-ħati għal darba oħra stante li huwa ikkommetta ir-reati li tagħhom instab ħati matul l-ordni tal-Probation mogħtija minnha.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imħallef**